



14.6.2010

0049/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-ilma tax-xorb bħala dritt fundamentali

Rosario Crocetta

Data ta' skadenza: 14.10.2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-ilma tax-xorb bħala dritt fundamentali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tibdil fil-klima u ż-żieda demografika qed ikompli jaggravaw il-fenomeni tal-faqar u tal-iskarsezza ta' riżorsi tal-ilma,
- B. billi l-problema tal-ilma qiegħda tolqot bil-qawwi wkoll diversi nħawi tan-Nofsinhar tal-Ewropa,
- C. billi l-Unjoni Ewropea ddikjarat l-2010 bħala s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali,
 1. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jagħmlu ħilithom fuq il-livell tal-inizjattiva internazzjonali sabiex id-dritt għall-ilma tax-xorb ikun rikonoxxut bħala dritt fundamentali tal-bniedem u jintroduċu riżorsi finanzjarji li jkunu jistgħu jiffavorixxu s-soluzzjoni tal-problema tal-ilma fi ħdan l-Istati Membri;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-inizjattiva leġiżlattiva ta' qafas dwar l-ilma tax-xorb, biex b'hekk tindika biċ-ċar l-istandards kwantitattivi tal-ilma li għandhom jiġu assenjati liċ-ċittadini Ewropej, id-dritt tal-faxex ekonomiċi batuti għal aċċess għall-ilma tax-xorb u l-prevalenza tal-interess pubbliku f'kull forma ta' ġestjoni tas-servizzi tal-ilma fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
 3. Jistieden lill-Kunsill u lill-gvernijiet tal-Istati Membri jintroduċu miżuri adegwati u jħarsu d-dritt għall-aċċess għall-ilma tax-xorb;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.